MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 274/2005

**Herman Buttigieg**

**Vs**

**Bank of Valletta plc**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta` Jannar, 2005, fejn intalab li l-Bank konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' elf mija u disgha u sittin lira u ghaxar centezmi (Lm1169.10) rapprezentanti valur ta` danni sofferti mill-attur meta fuq instruzzjoni zbaljata mahruga mill-istess Bank konvenut huwa safa` mgieghel ibiegh b'telf l-ishma li kellu fi hdan il-Bank konvenut u kif ukoll in parti tikkonsisti fil-valur ta` dividends li talvolta kienu jkunu pagabbli fuq medda ta` sentejn.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-Bank konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-Bank konvenut datata 8 ta` Frar, 2005 fejn gew ikkontestati l-fatti kollha ndikati fl-avviz ta` l-attur u jinnega li gew kawzati xi danni.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Ezamina n-noti ta` l-osservazzjonijiet prezentati mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-attur qed jibbaza l-kawza tieghu fuq allegazzjoni li huwa qieghed jghid li kien inghata instruzzjonijiet mill-Bank konvenut sabiex l-ewwel jaqta` d-dejn li kellu mal-istess Bank qabel ma jiehu facilita` ohra. Biex qata` l-istess dejn huwa jghid li safa` kostrett li jbiegh b’telf cioe` mhux bi qliegh l-ishma li kellu mal-istess Bank. Huwa jsostni li l-Bank kellu r-riservi tieghu biex itiegh it-tieni self mhux il ghaliex l-ewwel kellu jaqta` l-ewwel loan izda il ghaliex bi zball l-iskrivana tal-Bank kienet kitbet li l-attur kellu piz ta` kirja ta` Lm180 fix-xahar minnflok ta` Lm180 fis-sena. Fil-fatt huwa jsostni li hekk kif tal-Bank indunaw b’dan l-izball it-talba tieghu ghal facilita` inghatatlu mar-raba` darba. Illi ghalhekk huwa jikkonkludi li spicca li kellu jbiegh l-ishma li kellu b’telf u jitlef id-dividends ghal xejn.

In segwitu pero` l-istess attur jikkonferma li tal-Bank ma kienux qalulu b’mod specifiku li kellu jaqta` l-ewwel loan biex ikun jista` jinghata t-tieni wiehed jew li ta` bilfors kellu jbiegh l-ishma tieghu. L-attur ukoll jonqos ghal diversi drabi milli jindika bi precizjoni ma` min kien tkellem fil-Bank u difatti naqas li jipproducihom bhala xhieda in sostenn tat-talba tieghu.

Riccarda Darmanin li kienet il-persuna tal-Bank li pprocessat il-query tal-attur biex jinghata self, tghid fl-affidavit taghha li bdiet tipprocessa tali talba fuq is-sistema tal-computer u li r-rizultanti instruzzjoni kienet fis-sens li qabel ma` l-Bank seta` biss jibda` jikkunsidra l-ipprocessar formali tat-tieni loan, il-klijent l-ewwel kellu jsalda il-pendenzi li kellu. Il-klijent gie nfurmat b’dan u hu telaq ‘il barra minghajr ebda kumment ulterjuri. In kontro-

ezami hija ssostni li l-klijent kien issottometta maghha query ghal loan u mhux applikazzjoni formali. Tali query tinhadem b'mod awtomatiku fuq sistema komputerizzata.

Elaine Borg kienet impjegata ohra tal-Bank li ghamlet affidavit fejn qalet li hija kienet imputtjat it-talba ta` l-attur ghal loan fil-computer liema talba kienet giet rifjutata mis-sistema ghal darba tnejn. Meta kellem lil manager, dan ikkonfermalu li l-fatt li kien salda l-ewwel self ma jfissirx li awtomatikament kien intitolat li jiehu t-tieni self. In kontro-ezami tikkonferma li hija kienet inputtjat dejn ta` Lm180 fix-xahar kera u mhux Lm180 fis-sena kera u dana skond l-informazzjoni li kien ghaddhielha l-attur.

Illi t-Tribunal m`ghandu ebda dubbju mill-fatt li sar zball fl-input tal-assi u djun tal-attur fis-sistema tal-Bank fis-sens li tnizzel li kellu obbligazzjoni finanzjarja ta` Lm180 fix-xahar minflok dik ta` Lm180 fis-sena u bla dubbju tali zball certament kellha "bearing" fuq ir-rizultanzi awtomatici li jtik il-computer fuq it-talba ghal self ta` dak li jkun.

Illi b'daqshekk pero` ma jsegwix li minhabba tali zball u kwindi eventwali rifjut, il-Bank ghandu jinzamm responsabbli ghal fatt li l-attur iddecieda li jbiegh l-ishma li kellu b'telf. L-attur stess jammetti li l-Bank ma kienx tah tali nstruzzjonijiet b'mod specifiku u jew li kien wieghdu t-tieni self jekk u meta jsalda l-ewwel self – wisq anqas kien inghata nstruzzjonijiet dwar x'ghandu jaghmel bl-assi tieghu jew sabiex jillikwida l-assi tieghu. Illi ghalhekk f'dan is-sens it-Tribunal ma hu qed jara ebda ness kazwali bejn l-izball tal-Bank u d-danni sofferti mill-attur minhabba d-decizjoni li huwa ha ossia li huwa jghid li gie kostrett li jiehu. L-attur certament naqas li jressaq provi sodisfacenti u konvincenti biex jorbot id-decizjoni li huwa jghid li gie kostrett li jiehu ma` l-agir ossia allegat zball ossia allegata negligenza tal-ufficcjali tal-Bank.

In vista tal-premess ghalhekk it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` l-eccezzjonijiet sollevati mill-Bank konvenut kwindi jichad it-talbiet attrici pero` fic-cirkostanzi qed jigi ritenut gust u ekwu li l-ispejjes ta` din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------